# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn l-ewwel (1) ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 73/13 FDP**

**Perit Michael Falzon**
**(680745M)**

**Vs**

**Vince Farrugia,**
**fil-kapacita tieghu ta' Direttur Generali tal-Kamra Maltija ghan-Negozji z-Zghar**
**(ID 847544M)**

**U**

**Paul Abela,**
**fil-kapacita' tieghu ta' President tal-Kamra Maltija ghan-Negozji z-Zghar**
**(ID 0094851M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Marzu 2013 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal Press Release mahruga fis 27 ta' Frar 2013 intitolata *GRTU rebuts claims made by ex-GRTU Officials Mark Saliba u Joe Tabona and ex-minister Michael Falzon in court*, miktuba u imxandra mill-intimati, talab lill dina l-Qorti issib tali pubblikazjoni bhala malafamanti u libelluza fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundanna lill-istess intimati ihallsu danni a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Ra il-Press Release datata 27 ta' Frar 2013 esebita mir-rikorrent a fol 5 tal-process.

Ra illi fis-26 ta' April 2013 il-Qorti osservat illi l-intimat naqas milli jippresenta l-eccezzjonijiet u ordnat illi jingiebu l-provi fil-kawza.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Michael Falzon** moghtija fil 5 ta' Lulju 2013.

Rat id-dokument ossija sentenza fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Sandro Checuti***' moghtija mill-Qorti tal-Magsitrati bhala Qortit a' Gudikatura Kriminali fit 8 ta' Settembru 2013 u esebita quddiem dina l-Qorti fil 21 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fil 21 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi bejn id 9 ta' Dicembru 2013 u 11 ta' Lulju 2014 saru hames seduti fejn l-intimat naqas milli jippresenta provi, ghalkemm dejjem assikura l-Qorti illi kien ser jaghmel dan.

Semghet ix-xhieda ta' **Vince Farrugia**, in ezami u kontro ezami, moghtija fil 11 ta' Lulju 2014.

Rat illi fit 23 ta' Frar 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza setghet tithallas ghas-sottomissjnijet finali.

Rat illi r-rikorrent ippresenta s-sottomissjonijet tieghu fil 25 ta' Gunju 2015.

Rat illi sal-gurnata ta' llum ma ddahhlux sottomissjonijet intimati.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda Press Release mahruga mill-GRTU dakinhar illi r-rikorrent kien xehed fi proceduri kriminali, liema proceduri kienu ndbdew kontra Sandro Chectuti fuq istanza ta' Vincent Farrugia, wara illi l-istess Vincent Farrugia kien allega illi Sandro Chetcuti kien tah xeba u li pprova joqtlu.

Jirrizulta illi l-intimati, partikolarment Vincent Farrugia, dak iz-zmien Direttur Generali tal-GRTU, hassu urtat bix-xhieda illi kien ta' ir-rikorrenti bil-gurament quddiem il-Qorti Kriminali, u il-GRTU ipprocediet biex harget stqarrija **urgenti** ghall media kollha, fejn qalet, fost affarjiet ohra, is-segwenti:

> ***"The Director General will take all necessary action in relation to the erroneous and misleading assertions made, possible consituting perjury, especially regarding the meetings referred to by Perit Michael Falzon that could not have possibly been held as stated by Mr Falzon"***

Akart il-quddiem, dina l-istqarrija tispicca biex tghid is-segwenti:

> ***"Other fallacious allegations and insinuations made by Mr Tabone, Mr Saliba and Perit Michael Falzon will be rebutted in Court by virtue of witnesses and documented evidence, as being false, and fabricated for their ulterior motives"***

Ir-rikorrent hassu malafamant bil-fatt illi l-intimati allegaw illi r-rikorrent kien gideb taht gurament quddiem il-Qorti, u ghalhekk nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-kawza illi fiha xehed ir-rikorrent giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit 18 ta' Settembru 2013 u, filwaqt illi lliberat lill-akkuzat Sandro Chetcuti mill-akkuzi

kollha gravi illi kienu saru fil-konfront tieghu, sabitu hati talli kkommetta griehi hfief fuq l-intimat Vincent Farrugia.

Jirrizulta illi l-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet waqt li qieghda taghti s-sentenza, liema osservazzjonijet huma utili ghal-konsiderazzjoni ta' dina l-kawza ukoll.

Il-Qorti tal-Magistrati qalet is-segwenti:

> *Illi l-Qorti tosserva minnufih, qabel ma tghaddi ghal gudizzju taghha fuq dana il-kaz, illi sfortunatament, sahansitra qabel ma kienu inbdew dawn il-proceduri, l-parti leza (Vincent Farrugia) ipprova juza l-posizzjoni influwenti tieghu biex lill-imputat isir gudizzju mieghu qabel ma taghmel dak il-gudizzju fuqu il-Qorti u dana kif trid il-Ligi. Dana huwa rifless fir-rapport imhejji mill-espert Dr. Martin Bajjada li kellu l-inkarigu li jindika dawk it-telefonati u SMS's li saru mill-imputat u mill-parti leza fil-perijodu kemm qabel dana l-incident kif ukoll ezattament wara. Minn qari ta' dana ir- rapport, li ma hu xejn hlief kompendju tal-kontenut ta' telefonati maghmula u messaggi li intbaghtu u gew ricevuti, wiehed jiehu stampa ta' dak li kien qieghed isir "minn wara dahar il-Qorti" u qabel ma l-imputat kien beda ghaddej bil-proceduri kriminali kontra tieghu fuq dana l- incident.* ***Jidher illi l-parti leza kien qieghed jaghmel l- isforzi tieghu biex isir dak li hu imsejjah komunement a trial by the media billi jikkuntattja diversi gurnalisti u reporters u sahansitra jivvettja l-artikoli li kienu ser jigu ippubblikati u l-kummenti li kienu ser jidhru fil-press****. Mhux biss, izda jidher illi l-parti leza li ried akkost ta' kollox ippattieha lill-imputat ghal dak li kien ghamel, anke ipprova juza l-influwenza tieghu fuq nies ta'awtorita li setghu "ighinuh" fil-kawza, fosthom sahanistra l- Kummissarju tal-Pulizija u anke id-Direttur tal-Habs u dana fil-perijodu illi l-imputat kien inkarcerat taht arrest preventiv.* ***Illi minn dawn l-messaggi jidher ukoll illi l-imputat kien qieghed jipprova jimmanipula lix-xhieda sabiex jixhdu kif xtaq hu u dana sabiex jizgura illi l-imputat jikseb kundanna mill-Qorti ghal dak li kien ghamel.***

L-istess Qorti tal-Magistrati, dwar ix-xhieda moghtija mir-rikorrent u li dwaru ilmentaw l-intimati, tghid is-segwenti:

> *Illi mix-xhieda tal-Perit Michael Falzon jidher illi l-imputat (Sandro Chetcuti) kien gie ipprovokat minn Farrugia f'incident iehor li sehh wara dak mertu ta' dina il-kawza billi dan mar dritt ghal fuqu u beda jimbuttah minn zaqqu b'subajgh, izda l-Perit Falzon ighid illi l-imputat ma irreagixxiex ghal dina il- provokazzjoni.*

Fl-ahhar nett, il-Qorti tal-Magistrati, in vista tax-xhieda prodotti u l-fatti li huma imsemmija hawn aktar 'l fuq u li hassbu mhux ftit lill dik il-Qorti, qalet is-segwenti:

> *Illi finalment fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il- proceduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jesistux l-estremi legali li isawwru ir-reati ikkontemplati fl-artikoli 102, 104 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fil-konfront tal- parti leza Vincent Farrugia jew persuni ohra li taw ix-xhieda taghhom f'dina l-kawza.*

**Ikkunsidrat**

Fix-xhieda ta' l-intimat Vince Farrugia, illi kemm hu kif ukoll Paul Abela qatt ma ippresentaw ebda difiza quddiem dina l-Qorti, l-istess Farrugia qal is-segwenti:

*Jiena nixtieq nghid illi jiena ddizappuntat hafna bil-kummenti illi ghamel il-Perit Michael Falzon u l-konkluzjoni li wasal ghaliha illi fuq il-verzjoni biss ta' Sandro Chetcuti, u jiena kont nippretendi illi tenut kont ta' l-amicizja u anke r-rispett reciproku li kellna lejn xulxin kien ghall-inqas jistaqsi lili l-verzjoni li attwalment x' gara min-naha tieghi qabel ma jasal biex jghaddi gudizzju dwar attwalment kif kien gara l-incident, izda jidher li ma ghamel xejn minn dan. Jiena nixtieq nghid illi l-Perit Michael Falzon mhux talli ma semax il-verzjoni tieghi, talli ibbaza x-xhieda tieghu u l-pozizzjoni tieghu unikament fuq il-verzjoni li inghatat lilu minn Sandro Chetcuti.*

*Jiena li ddispjacut ukoll mill-fatt li ghalija jiena ppretendejt li l-Perit Falzon kien jipprova jara kif jaghmel biex javvicina lili u lil Sandro Chetcuti flimkien biex insolvu l-problema, izda bil-kummenti u l-pozizzjoni tieghu minflok ma avvicinana aktar ta in-nar lis-sitwazzjoni. U kien allura fil-kuntest ta' dak kollu li qed nghid s' issa illi inkitbet dik il-fazi f' dak l-artikolu. Bl-ebda mod ma ridt nipprova nimmalafamah u jew niddispreggah. U jiena nghid illi dak li qal il-Perit Michael Falzon kien qalu peress illi ma kienx jaf il-fatti kollha u strieh biss fuq dak li qal Sandro Chetcuti biss.*

Jirrizulta, mill-verzjoni mogthija minn Vincent Farrugia, illi huwa kien qieghed jilmenta mix-xhieda tal-Perit Falzon, u dina kif rappurtata fil-media, ghax huwa ma kienx presenti meta xehed, u tali ilment kien ibbazat fil-il-fatt illi kien qieghed jinsisti li kien hemm biss laqgha wahda fejn Falzon u Sandro Chectuti kienu presenti flimkien ma' Farrugia kien presenti biss, u dakinhar ma kienx veru illi l-intimat avvicina lill Chetcuti filwaqt illi r-rikorrent xehed illi kien hemm zewgt laqghat, u f'wahda minnhom l-intimat avvicina lill-Chetcuti. Madanakollu, in kontro ezami, l-intimat Farrugia kellu dan xi jghid:

*Issa qed insir akkorent ghal fatt illi qed tisemma' laqgha illi kienet meta jiena kont meta saret xi meeting il-Phoenicia; jiena gejt akkorent taghha issa, ghax jiena kont taht l-impressjoni illi l-uniku laqgha li kelli fejn kien hemm prezenti l-Perit Michael Falzon kien fil-laqgha illi kien hemm il-Ministeru. Li huwa zgur huwa illi din il-laqgha tal-Phoenicia ma saritx ftit jiem wara. Il-laqgha tal-Phoenecia naf illi kienet saret xi laqgha imma naf illi ma kinetx saret fil-perijodu immedjat wara l-incident tieghi ma' Sandro Chetcuti, kienet saret ferm qabel, kienet f' xi breakfast meeting. Jiena minhiex qed neskludi li kien hemm din il-laqgha imma bl-amment ma nistax niftakarha.*

Vincent Farrugia jaghlaq ix-xhieda tieghu billi jghid is-segwenti:

*Jiena nixtieq nghid illi wara li qrajt it-transcript ta' dak illi intqal fil-Qorti nifhem illi dak illi gie rrapportat fil-media seta' kien kwazi korrett salv forsi ghal kwistjoni tal-Phoenicia li minhiex cert dwarha. Nixtieq naghmilha cara ghal darba ohra illi li gara kien illi ahna ghamilna reazzjoni immedjata ghal dak illi kien qed johorg fil-media dak iz-zmien, haga li bilfors wiehed irid jaghmel meta inti asoccjazzjoni kbira u allura jkollok hafna issues li wiehed irid jirrejagixxi ghaliha. Izda certament nixtieq nassigura lill-Qorti illi jekk il-Perit Michael Falzon hassu offiz ghal dak li intqal ma kinetx intenzjonata biex noffendi lilu, kull ma kienet intenzjonata kienet sabiex nuri t-thasssib tieghi dwar dak li intqal in vista tal-verzjoni li jiena kont naf tal-fatti.*

Jirrizulta ben car, ghalhekk, illi ma kienx vera illi r-rikorrent kien gideb meta xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati, izda hareg car illi r-rikorrent xehed dwar laqgha illi ma ftakarx biha l-intimat, u xejn aktar.

Ghalhekk ir-rikorrent qatt ma xehed falz u dan allegat mill-intimati kien malafamanti u ingurjuz fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi fil-kaz odjern, ghandna, kif jghid l-abbli difensuri tar-rikorrent

> *"l-kaz klassiku ta' libell. Istanza fejn persuna takkuza persuna ohra illi kommettiet reat kriminali ghal skopijiet ulterjuri, tghid lir jittiehdu passsi, ma jittiehdux passi u lanqas hija kapaci turi li gie kommess ir-reat minnha attribwit. Wara jirrizulta illi kien hemm manipulazzjoni shiha ghaddejja bil-mezzi tax-xandir sabiex il-konvenut Vince Farrugia jasal fejn irid fil-kawza li kellu ma terzi. (Sandro Chetcuti) Il-fatt illi l-Qorti stess ikkummentat dwar dawn l-istratagemmi jaghti x'jifhem illi dan il-kaz ta' libel huwa wkoll wiehed ferm aktar serju gahliex l-iskop ulterjuri tal-konvenuti, jew min minnhom, kien illi jintralcjaw process gudizzjaru li kien ghadu ghaddej "*

Din il-Qorti ma tistax ma tqabilx ma' dawna l-konkluzjonijet milhuqa mir-rikorrent.

Di fatti, jidher car illi l-intimat Vincent Farrugia, ghamel uzu mill-posizzjoni tieghu bhala Direttur Generali tal-GRTU sabiex juza il-mezzi tax-xandir, illi kienu jafuh ben tajjeb peress illi kien persuna pubblika u ben nota, u jattakka persuni illi xehdu kontra tieghu, inkluz ir-rikorrent, u jimputa fil-konfront taghhom l-akkuza serja illi kienu xehdu falz waqt illi kienu qed jixhdu fil-Qorti.

Ghal dak illi jirrigwarda Paul Abela, bhala President tal-GRTU huwa kien ben konxju ta' l-azzjonijiet illi kien qieghed jiehu Vincent Farrugia, fil-kwalita' tieghu ta' Direttur Generali tal-GRTU u, anke jekk ma kienx jaf, kien messu kien a korrent tal-azzjonijiet ta' Vince Farrugia fejn kien qigehed jaghmel uzu mill-posizzjoni tiegu bhala Direttur General ital-GRTU sabiex jattakka lill terzi persuni.

Il-Qorti tosserva illi hija akkuza gravi hafna illi wiehed jghid li persuna xehed falz fil-Qorti, liema akkuza hija accentwata wkoll bil-fatt illi l-istess intimat Farrugia kien qal illi ser iniedi proceduri ta' gurament falz fil-konfront tieghu, liema proceduri izda huwa qatt ma beda – jigifieri dak kollu illi qal fil-Press Release qalu biss sabiex jidher fil-pubbliku illi kien qieghed jattakka lix-xhieda, izda, fl-ahhar mill-ahhar, ma' kellu ebda bazi sabiex jghidhom.

Il-Qorti tosserva illi l-intimat ammetta illi huwa hareg il-Press Release minghajr ma kien jaf il-fatti kollha u minghajr ma qabel ikkonsulta mar-rikorrent sabiex jikkonferma certi fatti, u dana peress illi hareg car, mix-xhieda tal-partijiet, illi ir-rikorrent, fix-xhieda illi tant attakah dwarha l-intimat Farrugia, ir-rikorrent kien qieghed jaghmel referenza ghal laqgha ohra illi kellhom, u mhux il-laqgha illi haseb li kien qieghed jirreferi dwarha l-intimat, u ghalhekk, kienu l-intimat, flok ma abbuza mill-posizzjoni tieghu ta' Direttur Generali tal-GRTU u uza lill GRTU biex tohrog Press Release tattakka lir-rikorrent, ikkomunika direttament mar-rikorrent li, del resto kif ammess mil-intimat, kien hemm hbiberija illi l-intimat hass ir-rikorrent tradixxa, certament kien ikun jaf il fatti dwar xiex xehed ir-rikorrent, u ma kienx jakkuza pubblikament lir-rikorrent talli xehed falz.

Il-Qorti taghmilha cara illi filwaqt illi hija obbligata illi tipprotegi lill-media mill-attakki regolari illi jsirulha fejn tkun qieghed tirrapporta il-fatti illi hija ghandha dover li tirrapporta lill-poplu in generali, hija, aktar u aktar, fid-dover illi tikkastiga lill min jabbuza mill-mezzi tax-xandir ghall-beneficcju personali tieghu. Dawna l-azzjonijet ghandhom jigu kkundannati u puniti severament,

peress illi jaghmlu hsara lill-media in generali u, aktar u aktar, lill-persuni illi jispiccaw attakkati ingustament.

Il-Qorti, madankollu, finalment tosserva illi l-intimat, fix-xhieda tieghu, huwa offra l-iskuzi tieghu lir-rikorrent ta' dak illi qal fil-konfront tieghu. Tali skuzi jimmilitaw favur l-intimat, meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra d-danni, izda l-Qorti taghmlha cara illi d-dannu da' parte ta' l-intimat lir-rikorrent xorta saru f'ghajnejn il-pubbliku, u ebda skuza da' parte tieghu wara illi ghamel l-azzjoni tieghu, tista

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi Rat is-sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent

**Tghaddi** biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** t-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** l-Press Release mahrug mill-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU) intitolat '*GRTU rebuts Claims made bh ex-GRTU Officers Mark Saliba & Joe Tanone and ex-Minister Michael Falzon in Court*' bhala malafamanti u libelluz fil-konfront tal-Perit Michael Falzon, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati Vince Farrugia u Paul Abela in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) in linea ta' danni a tenur tal-Kap 248 u

Spejjez tal-kawza huma kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

Imghax hija dovuta skond il-ligi mill-intimati fuq is-somma lilhom ikkundannata mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur